# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt           Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa  Numru 12/2016

21 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil:5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |

Assenti b'ittra ta' Apoligija

| | |
|---|---|
| Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

12.1 Qari tal-ittri ta' Apoligiji

Id-Deputat Segetarju Eżekuttiv qrat l-ittra tal-apologija tal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil li jinsab l-isptar. Huwa qiegħed jiġi skużat mil-laqgħa.

12.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

12.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

12.2.2 Is-Sindku qal li kellu update tal-laqgħa li kellu mac-chief of staff tal-Ministeru tal-Intern (ref punt. 11.2.7). Is-Sindku qal li l-laqgħa kienet saret u li kienu tkellmu fuq żewg affarijiet, waħda fuq fejn jisparaw is-suldati u l-oħra fuq l-għassa tal-pulizija. Flimkien miegħu għall-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-President tal-Każin Banda San Pawl is-Sur Paul Busuttil u dan peress li l-għassa tal-pulizija tinsab fi propjeta' mixtrija mill-Każin San Pawl u l-kumitat ilu jixtieq li l-għassa ma tibqax hemmhekk sabiex ikun jista' jagħmel użu minn dan il-post. Fuq il-problema fejn jisparaw is-suldati qal li kien hemm ċans għal fatt li s-suldati kienu qed jużaw l-area ta' Kandja flimkien mal-pulizija, allura ic-chief of staff kien ser jara jistax jibda jsir it-training hemm minflok Hal Safi pero' ma' seta' jwiegħed xejn qabel jiċċekkja sewwa l-affarijiet ma min huwa kkonċernat. Rigward l-għassa għalkemm is-Sindku identifika post alternattiv fejn tista' tigi lokalizzata l-għassa u l-Kunsill ma marx biex jiltaqa' mac-Chief of Staff sabiex tingħalaq l-għassa pero' jidher illi hemm ċans li l-għases f'irħula żgħar ma jibqgħux iżjed miftuħa skont *policy* ġdida li se jadatta l-Korp. Pero' c-Chief of Staff talab li nagħtu ftit żmien sakemm jinħatar CEO tal-Korp u jibda jaħdem fuq dawn l-affarijiet.

12.2.3 Rigward il-kiri tal-sala (ref punt. 11.3.1) s-Sindku qal li kien għamel riċerka fuq swali fil-viċinanza ta' Hal Safi, u sabiex inkunu kompetittivi għandna nniżżlu l-prezz għal 250 Euro li 50 Euro minnhom ikunu bħala garanzija. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

12.2.4 Fuq iz-zebra crossing li hemm fejn il-mitħna tax-xarolla (ref punt 11.3.2) is-Sindku qal li fil-fatt din ġew jarawha Transport Malta u l-post fejn qiegħda ma jidhirx li għandu jkun hemm problemi ovjament ikunu jridu jsiru d-dwal u anki r-rampi.

12.2.5 Rigward il-party tat-tfal (ref punt 11.6.3) il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet li b'kollox attendew 26 tfal u li kellha feed back tajba hafna.

12.2.6 Il-Vici Sindku saqsa jekk il-15,000 Euro fuq Progetti Kapitali (ref punt 11.5.1) kinux fondi fuq proġetti li diġa saru jew inkella proġetti li għad iridu jsiru. Is-Sindku kkonferma illi kienu fondi li ħadna fuq l-I.T. Room. Rigward il-proġett tal-I.T. Room is-Sindku kkonferma li din kellha tiġi nawgurata u li għandna nibagħtu l-irċievuti sabiex inkunu nistgħu nieħdu l-kumplament tal-flus allokati għal dan il-proġett.

12.2.7 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla talbet update fuq il-bankina ta' Trejqet Tarsu li mhix kontinwa (ref punt no 11.6.9). Saret diskussjoni pero s-Sindku kkonferma illi ser jara sew ma sid id-dar sabiex tigi stabbilita' l-problema.

12.2.8 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla kkonfermat li l-presepju ħaj kien ser isir c-centru.

12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku kkonferma illi flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv kien mar id-dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jiltaqgħu mad-Direttur flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv taż-Żurrieq rigward il-kwistjoni tal-konfini bejn Ħal Safi u ż-Żurrieq. Dan sar wara li kien l-istess Direttur li talab din il-laqgħa. Is-Sindku qal li minflok is-Sindku taż-Żurrieq kien attenda l-Kunsillier Joe D'Amato. Minn naħa taż-Żurrieq talbu li d-Direttur għandu jieħu deċiżjoni favur tagħhom peress li huma jħossu li hemmhekk huwa konfini tagħhom. Is-Sindku qal li d-Dipartiment kien diġa' ħa deċiżjoni favur il-Kunsill ta' Ħal Safi fil-passat u li hu ma kienx se jaċċetta bl-ebda mod li din id-deċiżjoni tinbidel issa mill-istess

dipartiment wara dan iż-żmien kollu. Qal biss li jekk irid il-Kunsill taż-Żurrieq idaħħlu l-qorti. Is-Sindku kkonferma illi d-Direttur qalilhom li kien ser jieħu parir mingħand l-Avukat Ġenerali u li ssugerixxa li t-tabelli jibqgħu kif inhuma sakemm naraw x'ser tkun id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali. Saret diskussjoni fuq fejn jispiċċaw il-konfini ta' Ħal Safi. Il-Vici Sindku kkonferma illi Hair Tech by Natasha, il-bieb tal-ħanut jaghmel ma' Ħal Safi u t-tieqa tagħmel maż-Żurrieq allura l-linja tal-konfini bil-fors li qieghda fin-nofs.

12.3.2 Is-Sindku qal illi konna rċievejna l-appovazzjoni tal-One Way kontra fi Triq San Tumas fejn il-Mużew mingħand Transport Malta. Din għandha tiġi fis-seħħ hekk kif jitneħħa t-tower Crane u kkonferma wkoll illi rċievejna l-speed limit għal quddiem il-Misraħ San Ġużepp li għandu jkun ta' 30 km wara talba li kien għamel il-Kunsill lil Transport Malta.

12.3.3. Is-Sindku qal illi n-Nursery tal-futbal kienu talbuh sabiex jagħmlu party għat tfal tan-Nursery. Il-party konna ser nagħmluh fis-sala tal-Kunsill. It-tfal għandhom iħallsu ghal party u l-ispejjez li jifdal għandhom jinqasmu bejnietna. Is-Sindku qal li Zurrieq FC jistgħu jagħmlu fund raising u parti mill-ispejjeż jistgħu jinqatgħu minn dan id-dħul. Il-party għandu jsir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Dicembru 2016 filgħodu.

12.4 Twegibiet ghal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

12.5 Rapporti

12.5.1 Rapport Talba għal Devoluzzjoni ta' sit (fejn kienet il-Berġa)

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv preżentat ir-Rapport tad-Devoluzzjoni tal-Berga. Hija tat kopja tar-rapport lil Kunsilliera u spjegat x'kien jgħid dan ir-Rapport. Id-deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li ma kellniex nonfqu ħafna sabiex nirrangaw dawn iż-żewg ikmamar għaliex il-binja miliex li kienet tintuża. Waħda minn dawn il-kmamar kellha tibqa' għand il-kunsill, u l-oħra hekk kif issir id-devoluzzjoni kellna f'moħħna li nibdew nikruha. Bħala spejjeż biex nirrangaw din il-binja m'għandnix nonfqu aktar minn €5,000 u bħala spejjeż rikkorenti m'għandnix naqbżu l-1500 Euro fis-sena li jikkonsisti bħala dawl u ilma u l-kirja tal-post. Il-Vici Sindku ssugerixxa illi bħala meter tad-dawl jekk jirnexxielna nikruha għandna nagħmlu sub meter. Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

12.5.2 Update sejha Librara.

Id-Deputat Segretarju Eżekutiv spjegat illi s-sejħa għal librar/a kienet għalqet nhar il-Ġimgha 16 ta' Diċembru 2016, u li kellna 21 applikazzjoni. Il-Kunsill qabel illi l-interviews għandhom isiru wara it-9 ta' Jannar 2017 hekk kif inkunu għalaqna l-attivitajiet tal-Milied.

12.6 Items oħra

12.6.1 Update Fuljett

Id-Deputat Segetarju Ezekutiv qalet illi kienet tat specimen lil kunsilliera kollha u li nhar il-Ħamis 22 ta' Dicembru 2016 u l-Ġimgha 23 ta' Diċembru kellu jitqassam sabiex ikun għand ir-residenti qabel il-Milied.

12.6.2 Għażla għal Outside Caterer għal Ikla tal-Anzjani

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat illi kienet talbet għal kwotazzjonijiet u illi din is-sena l-prezzijiet kienu ogħlew hafna. Wara li saret diskussjoni l-kunsill qabel illi għandna nikkunsidraw l-irħas kwotazzjoni (avolja qatt ma ħdimna bih). Jekk naraw li naqblu fuq il-porzjon u kif ser jitqassam l-ikel allura l-Outside Caterer għal-ikla tal-Anzjani għal din is-sena ser ikun Pinto Caterers.

12.6.3 Performance Appraisal tal-impjegati tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi Impjegata Numru 1, għalkemm idduskutejna kemm flaħna rigward is-sitwazzjoni tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 21 ta' Novembru 2016 din l-impjegata ma rrapurtatx għax-xogħol kif kien miftiehem fil-11:00am. L-għada bi sfida ħarġet sick fit-tul avolja taf sew kif inhi s-sitwazzjoni. Is-Sindku kkonferma illi għal din il-ġurnata nħarġilha warning. Il-Kunsill qabel ukoll illi għandna nitolbu d-Dipartiment ħalli din il-ġurnata tal-Erbgħa 21 ta' Novembru 2016 titqies bħala assenti. Il-Kunsill qabel ukoll illi jekk Impjegata Numru 1 tibqa' toħloq il-problemi fuq il-post tax-xogħol, ma jkollnix triq oħra ħlief li nieħdu azzjoni, u dan jista' jwassal għat-tkeċċija. Fuq dan ir-rigward, il-Kunsill qabel unanimament illi għal din is-sena Impjegata Numru 1 ma jistħoqilhiex Performance Bonus, filwaqt li Impjegata numru 2 għandha tieħu l-full appraisal jiġifieri ta' 6%.

12.6.4 Refund re Football Nursery

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat ittra li kienet qed tistaqsi lil Kunsill jekk tistax tieħu refund lura tal-ħlas li kienet għamlet tat-tifel żgħir tagħha għan-nursery għaliex issa wara żewġ logħbiet ma riedx imur aktar. Il-Kunsill qabel ma dan ir-refund li huwa ta' €70.

12.6.5 Udate tal-Anzjani Housebound

Is-Sindku ta l-lista tal-anzjani li huma housebound lil Kunsilliera sabiex jaraw jekk jaqblux jew iridux iżidu lil xi ħadd li forsi mhux qiegħed f'din il-lista. Il-Kunsilliera kollha qablu ma din il-lista.

12.6.6 Update Sejħa Clerk – Ħatra tal-Bord

Is-Sindku spjega lil Kunsill illi minħabba li nhar it-Tnejn 26 ta' Jannar kienet tagħlaq is-sejħa għal Clerk, iħoss li hija priorita' illi nagħmlu dawn l-interviews qabel is-sejħa għal librara. Għalhekk l-istess bħas-sejħa tal-librara dawn l-interviews għandhom ikunu wara li nagħlqu bl-attivitajiet tal-Milied jiġifieri wara d-disgħa ta' Jannar 2017. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi ma kien hemm l-ebda applikazzjoni nterna għalhekk issa konna rċievejna lista ta' kandidati eliġibbli sabiex japlikaw mingħand il-Jobs Plus. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi għandha ċċempel lil Kunsilliera sabiex tara minn ser ikun disponibbli għal dawn l-interviews.

12.6.7 Laqgħa Pubblika

Il-Kunsill qabel illi l-Laqgħa Pubblika għas-sena 2017 għandha tkun nhar l-Erbgħa 25 ta' Jannar wara l-laqgħa tal-Kunsill.

12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

12.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgha ntemmet fis-6:30 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun l-Erbgħa 25 ta’ Jannar 2017 fit-3:00 pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |